Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 7 ta' Ġunju 2019
(OR. en)

9773/19

FISC 281
ECOFIN 528

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Rapport tal-ECOFIN lill-Kunsill Ewropew dwar kwistjonijiet ta' taxxa<br>– Approvazzjoni |

1. Il-Kunsill (ECOFIN) ġie mistieden jirrapporta lill-Kunsill Ewropew dwar diversi kwistjonijiet ta' taxxa kif jissemmew, b'mod partikolari, fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Marzu u Ġunju 2012, Mejju 2013, Diċembru 2014 u Ottubru 2017.

2. Tħejja abbozz ta' rapport tal-ECOFIN lill-Kunsill Ewropew dwar kwistjonijiet ta' taxxa u dan ġie maqbul mill-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli tal-Kunsill dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa (HLWP) fl-4 ta' Ġunju 2019, biex jiġi ppreżentat lill-Kunsill permezz tal-Coreper. Huwa qabel ukoll li l-aġġornamenti fattwali tas-soltu (il-partijiet fil-parentesi kwadri) ser isiru mis-SĠK wara l-ECOFIN, qabel ma toħroġ il-verżjoni finali tar-rapport.

3. Il-Coreper huwa għalhekk mistieden jirrakkomanda lill-Kunsill ECOFIN fl-14 ta' Ġunju 2019 biex japprova r-rapport bħala punt "A", kif jinsab fl-Anness, bil-ħsieb tat-trasmissjoni tiegħu lill-Kunsill Ewropew (20-21 ta' Ġunju 2019).

## RAPPORT TAL-ECOFIN LILL-KUNSILL EWROPEW DWAR KWISTJONIJIET TA' TAXXA

1. Dan ir-rapport jipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-progress li nkiseb fil-Kunsill matul il-mandat tal-Presidenza Rumena, kif ukoll ħarsa ġenerali lejn is-sitwazzjoni attwali tal-aktar dossiers importanti li qed jiġu nnegozjati fil-qasam tat-taxxa.

2. Ir-rapport jagħti ħarsa ġenerali lejn is-sitwazzjoni attwali tal-ħidma rilevanti tal-Kunsill u jkopri diversi kwistjonijiet imsemmija fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-1-2 ta' Marzu 2012[1] iddedikati għat-tkabbir, kif ukoll fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-28-29 ta' Ġunju 2012,[2] it-22 ta' Mejju 2013,[3] l-24-25 ta' Ottubru 2013,[4] id-19-20 ta' Diċembru 2013[5], l-20-21 ta' Marzu 2014,[6] is-26-27 ta' Ġunju 2014,[7] it-18 ta' Diċembru 2014,[8] u d-19 ta' Ottubru 2017,[9] il-konklużjonijiet tal-Kunsill fil-qasam tal-VAT tal-2012[10] u tal-2016[11] kif ukoll il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Ir-reazzjoni għall-isfidi tat-tassazzjoni tal-profitti tal-ekonomija diġitali" tal-2017.[12]

3. Il-Presidenza Rumena tat attenzjoni partikolari lit-tassazzjoni diġitali, il-funzjonament ta' regoli ġodda tal-VAT għall-kummerċ elettroniku, ir-regoli dwar it-trażmissjoni u l-iskambju mandatorju ta' informazzjoni rilevanti dwar il-VAT, is-simplifikazzjoni tar-regoli tal-VAT għall-intrapriżi ż-żgħar, it-tfassil mill-ġdid tal-arranġamenti ġenerali tal-UE fil-qasam tad-dazji tas-sisa u l-movimenti intra-UE ta' prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa, aġġornament tar-regoli tal-UE dwar l-istrutturi tad-dazji tas-sisa fuq l-alkoħol, kif ukoll ir-reviżjoni tal-lista tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa.

[1] Dok. EUCO 4/3/12 REV 3 (il-punti 9 u 21).
[2] Dok. EUCO 76/12, 28/29 ta' Ġunju 2012.
[3] Dok. EUCO 75/1/13 REV 1, 22 ta' Mejju 2013.
[4] Dok. EUCO 169/13, 24/25 ta' Ottubru 2013.
[5] Dok. EUCO 217/13, 19/20 ta' Diċembru 2013.
[6] Dok. EUCO 7/1/14 REV 1, 20/21 ta' Marzu 2014.
[7] Dok. EUCO 79/14, il-punt 2.
[8] Dok. EUCO 237/14, punt 3.
[9] Dok. EUCO 14/17, punt 11.
[10] Dok. 9586/12.
[11] Dok. 9494/16.
[12] Dok. 5175/17.

4. B'mod aktar speċifiku, il-Kunsill:

a) iddiskuta l-proposta għal Direttiva dwar it-Taxxa fuq is-Servizzi Diġitali u t-tassazzjoni diġitali fil-kuntest internazzjonali;

b) adotta konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-lista riveduta tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa fit-12 ta' Marzu 2019[13];

c) laħaq approċċ ġenerali dwar il-pakkett ta' implimentazzjoni tal-VAT għall-kummerċ elettroniku;

d) laħaq approċċ ġenerali parzjali dwar il-proposta leġislattiva rigward il-Programm Fiscalis;

e) adotta Deċiżjoni rigward il-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-UE u n-Norveġja dwar il-kooperazzjoni amministrattiva, il-ġlieda kontra l-frodi u l-irkupru tat-talbiet fil-qasam tal-VAT;

f) kellu skambju ta' fehmiet dwar il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Lejn teħid ta' deċiżjonijiet aktar effiċjenti u demokratiku fil-qasam tal-politika tat-tassazzjoni tal-UE" fejn il-Kummissjoni tipproponi transizzjoni għal votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata (VMK) skont il-proċedura leġislattiva ordinarja (OLP) fil-qasam tal-politika tat-tassazzjoni tal-UE.

5. Il-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (tassazzjoni tal-intrapriżi) kompla bil-ħidma tiegħu dwar id-diversi kwistjonijiet li jaqgħu fi ħdan il-mandat tiegħu, inkluż dwar il-lista tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa. Ir-riżultati tal-ħidma tal-Grupp ġew ippreżentati, f'koordinazzjoni mal-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa (HLWP), lill-ECOFIN fl-14 ta' Ġunju 2019.[14]

6. Informazzjoni aktar dettaljata dwar id-dossiers individwali tinsab hawn taħt.

---

[13] Dok. 7441/19.
[14] Dok. 9652/19 + ADD 1-10.

## A. Inizjattivi fil-qasam tal-liġi fiskali tal-UE

**Bażi Komuni (Konsolidata) għat-Taxxa Korporattiva**

7. Bħala parti mit-tnedija mill-ġdid tal-proposta għal Bażi Komuni Konsolidata għat-Taxxa Korporattiva tal-2011, il-Kummissjoni ppreżentat proposti għal Direttivi tal-Kunsill dwar Bażi Komuni għat-Taxxa Korporattiva, minn hawn 'il quddiem "BKTK"[15], u dwar Bażi Komuni Konsolidata għat-Taxxa Korporattiva, minn hawn 'il quddiem "BKKTK"[16]. Il-proposta tal-BKTK tistabbilixxi regoli komuni għall-komputazzjoni tal-bażi tat-taxxa ta' kumpanniji multinazzjonali fl-UE, filwaqt li l-proposta tal-BKKTK tikkomplementa l-proposta tal-BKTK bl-element ta' konsolidazzjoni.

8. Fis-6 ta' Diċembru 2016, il-Kunsill ECOFIN qies[17] li l-ħidma fuq il-proposta tal-BKTK għandha tiffoka bħala prijorità fuq l-*"elementi ta' bażi komuni ta' taxxa*", b'mod partikolari l-kapitoli I sa V, filwaqt li l-proposta BKKTK ser tiġi eżaminata biss fil-livell tekniku ladarba d-diskussjonijiet dwar il-proposta tal-BKTK ikunu ġew konklużi b'suċċess.

9. Sussegwentement, il-Presidenza Maltija ffokat id-diskussjonijiet tekniċi fuq l-elementi ġodda tal-proposta tal-BKTK, jiġifieri l-inċentivi fiskali tagħha: it-tnaqqis kbir għall-ispejjeż tar-riċerka u l-iżvilupp b'appoġġ għall-innovazzjoni (l-Artikolu 9), l-allokazzjoni ġdida għat-tkabbir u għall-investiment biex jindirizza l-preġudizzju tal-finanzjament tad-dejn (Artikolu 11), u l-kumpens temporanju tat-telf (Artikolu 42). Peress li l-kwistjoni ta' kif tinkiseb taħlita tajba bejn l-armonizzazzjoni u l-flessibbiltà fil-kuntest ta' aktar kompetizzjoni internazzjonali titfaċċa b'mod kostanti, il-Kunsill ECOFIN kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar il-kwistjoni fit-23 ta' Mejju 2017. F'din l-okkażjoni, diversi Ministri appoġġaw l-objettiv ta' bażi tat-taxxa korporattiva wiesgħa kemm jista' jkun possibbli sabiex jiġi salvagwardat id-dħul nazzjonali mit-taxxi.

[15] Dok. 13730/16.
[16] Dok. 13731/16.
[17] Dok. 15315/16.

10. Matul il-Presidenza Estonjana u dik Bulgara, il-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa (WPTQ) ikkonkluda eżami, artikolu wara artikolu tal-kapitoli kollha tal-proposta tal-BKTK, u beda dibattitu dwar sa liema punt il-proposta tal-BKTK tista' tipprovdi rispons ta' politika xieraq għall-isfidi tat-tassazzjoni diretti kkawżati mill-ekonomija diġitali. Il-Presidenza Bulgara żviluppat ukoll l-ewwel test ta' kompromess dwar il-kapitolu IV tal-BKTK (regoli ta' deprezzament) u laħqet qbil bejn id-delegazzjonijiet dwar l-idea li jiġi evalwat l-impatt ta' ċerti artikoli tal-proposta tal-BKTK fuq id-dħul nazzjonali mit-taxxa bl-użu ta' metodoloġija komuni u ipoteżi komuni. Hija bdiet ukoll diskussjonijiet fil-livell tal-armonizzazzjoni, l-ambitu u l-flessibbiltà għall-Istati Membri.

11. Il-Presidenza Awstrijaka ddiskutiet ir-riżultati tal-valutazzjonijiet tad-dħul tat-taxxa nazzjonali msemmija hawn fuq fil-livell tal-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli (HLWP), li ppermettew li tiġi pprovduta gwida għad-diskussjonijiet li għaddejjin fil-livell tekniku fid-WPTQ. Fuq din il-bażi, il-Presidenza Awstrijaka ressqet testi ta' kompromess dwar il-Kapitoli I sa V tal-BKTK u pproponiet li:

    a) jiġi estiż l-ambitu obbligatorju tal-BKTK biex tkopri l-kontribwenti kollha tad-dħul korporattiv u jiġu esplorati dispożizzjonijiet speċifiċi ġodda (iżda bbażati fuq il-prinċipju) fil-BKTK għall-SMEs u setturi speċifiċi, ikkomplementati, fejn meħtieġ minn atti ta' implimentazzjoni tal-Kunsill;

    b) iddiskutiet l-inċentivi fiskali proposti fl-Artikoli 9 (3), 11 u 42 tal-BKTK fi stadju aktar tard, wara li jkun intlaħaq qbil dwar il-parti fundamentali teknika tal-bażi komuni għat-taxxa korporattiva, b'kont meħud tal-impatt maġġuri tagħhom fuq id-dħul nazzjonali mit-taxxa;

    c) tipposponi wkoll id-diskussjonijiet dwar l-Artikolu 5 tal-BKTK għal stadju aktar tard meta wieħed iqis li bidliet sinifikanti għal dan l-Artikolu huma inklużi fil-proposta tal-Kummissjoni dwar il-preżenza diġitali sinifikanti (SDP) u għaddejja wkoll il-ħidma dwar dan fl-OECD.

12. Il-Presidenza Rumena kompliet bil-ħidma fuq dan il-fajl fl-istess direzzjoni bħall-Presidenza preċedenti u elaborat testi ta' kompromess dwar il-kapitoli I sa V. Ladarba d-diskussjonijiet dwar il-parti fundamentali teknika ta' dawn il-kapitoli ma jistgħux iwasslu għal aktar progress, il-Presidenza estendiet il-ħidma fil-livell tekniku għall-kapitoli VI sa IX.

13. B'mod partikolari, il-Presidenza Rumena bdiet dibattitu dwar kif għandha tiġi ttrattata s-sovrapożizzjoni bejn l-ATAD u l-BKTK fir-rigward tar-regoli kontra l-evitar tat-taxxa. Il-parti l-kbira tad-delegazzjonijiet qablu f'dan ir-rigward li:

a) L-Artikolu 13 (limitazzjoni tal-imgħax) u l-Artikoli 53-54 (klawżola ta' bdil) tal-BKTK huma marbuta direttament mal-kalkolu tal-bażi tat-taxxa komuni, minkejja li m'hemm l-ebda kunsens dwar il-livell ta' armonizzazzjoni li għandu jintlaħaq fir-rigward tal-limitazzjoni tal-imgħax u li xi delegazzjonijiet jibqgħu kontra li tiddaħħal klawżola ta' bdil;

b) il-livell ta' armonizzazzjoni previst fl-ATAD fir-rigward ta' regoli kontra l-evitar tat-taxxa oħra jista' jitqies bħala suffiċjenti għalissa, minkejja li m'hemm l-ebda kunsens dwar jekk ir-regoli korrispondenti għandhomx jitħallew fl-ATAD jew jiddaħħlu fil-BKTK.

14. Il-fehmiet tad-delegazzjonijiet tal-Istati Membri komplew ikunu differenti wkoll rigward il-kwistjoni ċentrali dwar jekk għandux jiġi estiż jew le l-ambitu tal-BKTK għall-kontribwenti kollha tad-dħul korporattiv, li jagħmilha diffiċli li jinkiseb aktar progress fil-livell tekniku. Maġġoranza tad-delegazzjonijiet għadhom filfatt jopponu jew inkella għandhom riżervi għat-tali estensjoni, filwaqt li għadd ta' delegazzjonijiet - inkluż id-delegazzjonijiet ta' Franza u dik tal-Ġermanja, li ppreżentaw dokument ta' pożizzjoni konġunta dwar il-proposta tal-BKTK fl-2018 - għandhom il-fehma opposta jew għadhom indeċiżi.

15. Il-Presidenza Rumena ffaċilitat diskussjonijiet dwar l-implikazzjonijiet tekniċi li tali estensjoni jkollha fuq il-proposta ta' BKTK kollha kemm hi. B'mod partikolari, il-Presidenza ssuġġeriet li jiġu esplorati eżenzjonijiet minn regoli tal-BKTK għal ċerti setturi speċifiċi bħat-tbaħħir, l-estrazzjoni jew il-forestrija, u/jew regoli speċifiċi għall-SMEs. Madankollu, dan l-isforz ma għenx biex jitnaqqas id-distakk bejn iż-żewġ gruppi ta' delegazzjonijiet.

16. Il-Presidenza Rumena segwiet ukoll il-valutazzjonijiet tad-dħul tat-taxxa nazzjonali li saru fl-2018 bil-preżentazzjoni ta' studju tal-Kummissjoni dwar l-impatt tal-proposta tal-BKTK fuq il-piż tat-taxxa effettiv tal-korporazzjonijiet, bl-użu tar-riżultati tal-mudell "Tax Analyser".

17. L-eżitu ta' dawn id-diskussjonijiet huwa rifless fl-aħħar test ta' kompromess tal-Presidenza.[18]

**Pakkett dwar it-tassazzjoni diġitali**

18. Wara l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2017 dwar ir-reazzjoni għall-isfidi tat-tassazzjoni tal-profitti tal-ekonomija diġitali, il-Kummissjoni ppreżentat il-"pakkett tat-tassazzjoni diġitali" tagħha fil-21 ta' Marzu 2018:

    i) proposta għal Direttiva tal-Kunsill li tistabbilixxi r-regoli dwar it-tassazzjoni korporattiva ta' preżenza diġitali sinifikanti (ibbażata fuq l-Artikolu 115 TFUE);

    ii) rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tassazzjoni korporattiva ta' preżenza diġitali sinifikanti;

    iii) proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq is-servizzi diġitali fir-rigward tad-dħul li jirriżulta mill-provvista ta' ċerti servizzi diġitali (ibbażata fuq l-Artikolu 113 TFUE);

    iv) il-Komunikazzjoni "Wasal iż-żmien li jiġi stabbilit standard modern, ġust u effiċjenti tat-tassazzjoni għall-ekonomija diġitali".

19. Il-pakkett ġie eżaminat fil-Kunsill matul il-Presidenza Bulgara u dik Awstrijaka bħala kwistjoni ta' prijorità. Ġie maqbul li d-diskussjonijiet jiffukaw fuq il-proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq is-servizzi diġitali fir-rigward tad-dħul li jirriżulta mill-provvista ta' ċerti servizzi diġitali (minn hawn 'il quddiem imsejħa "DSTD").

20. Il-Presidenza Awstrijaka ressqet id-DSTD fil-Kunsill ECOFIN fl-4 ta' Diċembru 2018 bil-ħsieb ta' approċċ ġenerali.[19] Il-Presidenza Awstrijaka ppreżentat test ta' kompromess li kellu l-aktar appoġġ mill-Istati Membri. Madankollu, it-test ma kisibx l-appoġġ meħtieġ u ma ġiex diskuss fid-dettall.

[18] Dok. 9676//19.
[19] Dok. 14885/18.

21. Wara d-diskussjonijiet fl-ECOFIN tal-4 ta' Diċembru 2018 dwar il-proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq is-servizzi diġitali fir-rigward tad-dħul li jirriżulta mill-provvista ta' ċerti servizzi diġitali, ġie maqbul li jiġi esplorat strument possibbli b'ambitu idjaq, li jkopri biss ir-reklamar diġitali mmirat.

22. Konsegwentement, it-test ġie abbozzat mill-ġdid biex jiffoka fuq id-dħul li jirriżulta biss mill-provvista ta' servizzi ta' reklamar diġitali - is-sistema komuni ta' taxxa fuq ir-reklamar diġitali (DAT).

23. Saru erba' ċikli ta' taħditiet taħt il-Presidenza Rumena: il-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa (WPTQ) (Tassazzjoni Diġitali) fil-15 ta' Jannar u l-20 ta' Frar 2019, il-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa (HLWP) fil-31 ta' Jannar u t-28 ta' Frar 2019.

24. Fit-12 ta' Marzu 2019 il-Presidenza Rumena ressqet id-DAT lill-Kunsill ECOFIN għal ftehim politiku. Fin-nuqqas ta' qbil fi ħdan il-Kunsill, il-Presidenza ssuġġeriet li l-ħidma tkompli fuq il-bażi abbażi ta' approċċ fuq żewġ binarji:

    a) Il-Kunsill u l-Istati Membri jkomplu jaħdmu flimkien lejn ftehim dwar soluzzjoni globali fil-livell tal-OECD sal-2020 biex jiġu indirizzati l-isfidi għat-taxxa tad-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija. Il-Presidenza ser tagħmel l-almu kollu tagħha biex tiffaċilita d-diskussjonijiet waqt li teżamina wkoll il-proposta dwar il-Preżenza Sinifikanti Diġitali.

    b) Fil-każ li sa tmiem l-2020 ikun jidher li l-ftehim fil-livell tal-OECD ikun ser jieħu aktar żmien, il-Kunsill jista', kif meħtieġ, jerġa' lura għal diskussjoni dwar id-DAT/DSTD u l-approċċ possibbli tal-UE għall-isfidi relatati mat-taxxa li jirriżultaw mid-diġitalizzazzjoni.

25. Il-Ministri talbu lill-esperti biex jivvalutaw il-progress li sar fuq livell internazzjonali b'mod regolari, iżommu l-Ministri infurmati u, jekk meħtieġ, jirrakkomandaw kwalunkwe azzjoni oħra possibbli tal-UE.

**Żviluppi fil-livell internazzjonali fir-rigward tat-tassazzjoni diġitali**

26. Mill-adozzjoni tar-rapport interim dwar l-isfidi fiskali li jirriżultaw mid-diġitalizzazzjoni[20] 'l hawn, il-grupp ta' tmexxija tal-OECD tal-Qafas Inklużiv ħejja abbozz ta' programm ta' ħidma biex tiġi żviluppata soluzzjoni ta' kunsens għall-isfidi fiskali li jirriżultaw mid-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija. Dan il-Programm ta' Ħidma ġie approvat matul is-seba' laqgħa plenarja tal-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20 dwar il-BEPS fit-28-29 ta' Mejju 2019.

27. Fis-6 ta' Mejju 2019, il-Kummissarju Moscovici bagħat ittra lill-Ministri għall-Finanzi tal-UE, fejn ippropona li titkompla d-diskussjoni mal-Istati Membri dwar id-dibattitu internazzjonali attwali dwar ir-riforma tat-taxxa fil-G20 u fl-OECD. Din kienet akkumpanjata minn dokument dwar il-kwistjonijiet, li ppropona li l-Unjoni Ewropea jenħtieġ li timpenja ruħha mal-OECD b'mod ikkoordinat sabiex tħalli impatt fuq id-diskussjonijiet internazzjonali b'mod sinifikanti f'konformità mal-interessi u r-rekwiżiti komuni tal-UE.[21]

28. Il-Kunsill ECOFIN tas-17 ta' Mejju 2019 iddiskuta t-tassazzjoni diġitali fil-kuntest internazzjonali abbażi ta' nota tal-Presidenza, li tiġbor fil-qosor id-diskussjonijiet fl-HLWP. Il-Ministri appoġġaw id-diskussjonijiet fil-livell tal-UE sabiex jiġu skambjati fehmiet dwar il-kwistjonijiet li qed jiġu nnegozjati fl-OECD, speċjalment fir-rigward tal-valutazzjoni tal-impatt tal-għażliet tal-politika tal-OECD.

29. Ġie maqbul li l-HLWP jingħata l-kompitu li jsegwi dan b'mod konkret.

30. Il-Presidenza ser tikkoopera mill-qrib mal-Presidenza Finlandiża li jmiss biex torganizza ħidma f'dan ir-rigward u biex tiżgura li l-fehmiet tal-UE kif espressi fil-Kunsill jiġu ppreżentati fil-livell tal-G20/OECD.

[20] https://back-g20.argentina.gob.ar/sites/default/files/media/communique_g20.pdf
[21] Dok. 9150/19.

**Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) u dazji tas-sisa**

31. Fir-rigward tal-VAT, fl-2016, il-Kunsill adotta żewġ settijiet ta' konklużjonijiet: f'Mejju 2016[22] il-Kunsill wieġeb għall-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni dwar il-VAT - Lejn żona unika tal-VAT fl-UE, tas-7 ta' April 2016, u f'Novembru 2016 il-Kunsill esprima l-fehmiet tiegħu dwar it-titjib għar-regoli attwali tal-UE dwar il-VAT għat-transazzjonijiet transkonfinali.[23]

32. B'segwitu għall-Pjan ta' Azzjoni tagħha dwar il-VAT, il-Kummissjoni pproponiet għadd sinifikanti ta' proposti leġislattivi fil-qasam tal-VAT. Flimkien, dawn il-proposti huma maħsuba biex jimmodernizzaw is-sistema tal-VAT biex tiġi adattata għall-ekonomija diġitali u l-ħtiġijiet tal-SMEs, biex tiġi indirizzata d-diskrepanza tal-VAT u tittejjeb il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tal-VAT. Waqt li kompliet tibni fuq il-progress li sar matul il-Presidenzi preċedenti[24], il-Presidenza Rumena kompliet bil-ħidma fuq il-fajls leġislattivi fil-qasam tal-VAT.

33. Fil-qasam tad-dazji tas-sisa, wara l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2016 rigward id-Direttiva 92/83/KEE[25] u tal-2017, rigward id-Direttiva 2008/118/KE[26], il-ħidma fil-Kunsill evolviet abbażi tal-proposti leġislattivi mressqa mill-Kummissjoni fl-2016 fir-rigward tal-pakkett leġislattiv rigward l-arranġamenti ġenerali dwar id-dazju tas-sisa, kif ukoll dwar il-proposta leġislattiva biex jiġu emendati r-regoli dwar l-istruttura tad-dazju tas-sisa fuq l-alkoħol.

34. B'mod partikolari, matul il-Presidenza Rumena, id-dossiers leġislattivi li kienu fuq il-mejda tal-Kunsill u/jew tal-korpi preparatorji tiegħu, kif adegwat, koprew l-oqsma li ġejjin tal-VAT u tad-dazji tas-sisa:

---

[22] Dok. 9494/16.
[23] Dok. 14257/16.
[24] Ara, pereżempju, id-dokument 15082/18, il-punti 30 sa 111; id-dokument 10322/18, il-punti 56 sa 100.
[25] Dok. 15009/16.
[26] Dok. 14481/17.

a) Sistema Definittiva tal-VAT;

b) Riforma tar-rati tal-VAT;

c) pakkett ta' implimentazzjoni dwar il-kummerċ elettroniku tal-VAT;

d) It-trażmissjoni u l-iskambju obbligatorju ta' informazzjoni dwar il-pagamenti rilevanti għall-VAT;

e) Simplifikazzjoni tar-regoli tal-VAT għall-impriżi żgħar;

f) Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-UE u n-Norveġja dwar il-kooperazzjoni amministrattiva, il-ġlieda kontra l-frodi u l-irkupru tat-talbiet fil-qasam tal-VAT;

g) Arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa;

h) L-istrutturi tad-dazji tas-sisa fuq l-alkoħol u x-xorb alkoħoliku;

i) Campione d'Italia u l-ilmijiet Taljani tal-Lag ta' Lugano;

j) Emenda tar-regoli tal-UE dwar il-VAT u d-dazji tas-sisa fir-rigward tal-isforz tal-UE għad-difiża.

35. Informazzjoni aktar dettaljata dwar id-dossiers individwali fil-qasam tal-VAT u tad-dazji tas-sisa tinsab hawn taħt fit-test.

*a) <u>Sistema Definittiva tal-VAT</u>*

**Sfond**

36. B'segwitu għall-Pjan ta' Azzjoni tagħha dwar il-VAT - Lejn Żona Unika tal-VAT fl-UE - tas-7 ta' April 2016, rigward is-sistema definittiva tal-VAT (li hija l-għan politiku primarju fil-qasam tal-VAT), il-Kummissjoni għażlet approċċ leġislattiv f'żewġ stadji.[27]

[27] Dok. 12617/17.

37. Bħala **l-ewwel parti tal-ewwel pass leġislattiv**, il-pakkett ta' Ottubru 2017 magħmul minn tliet proposti leġislattivi (l-hekk imsejjaħ dossier ta' "soluzzjoni ta' malajr" dwar il-VAT, li kien magħmul minn tliet atti leġislattivi[28] mmirati lejn erba' titjibiet fuq perijodu qasir (jiġifieri "soluzzjonijiet ta' malajr") għas-sistema attwali tal-VAT) kien fih għadd ta' dispożizzjonijiet ġodda dwar il-kunċett ta' kontribwent ċertifikat (CTP) u l-hekk imsejħa "pedamenti" tas-sistema definittiva tal-VAT (stabbiliti bħala emendi għall-Artikolu 402 tad-Direttiva tal-VAT).

38. Meta jikkonkludu l-ħidma dwar il-pakkett leġislattiv ta' "soluzzjoni ta' malajr tal-VAT", l-Istati Membri kollha qablu fil-Kunsill li huwa adegwat u meħtieġ li tiġi avvanzata l-ħidma fuq il-parti fundamentali tal-proposti tal-Kummissjoni dwar "is-soluzzjoni ta' malajr" tal-VAT, sabiex ikun jista' jsir progress bikri u biex jiġu solvuti kwistjonijiet importanti fil-qasam tal-VAT, filwaqt li nnutaw li l-partijiet li fadal tal-proposta relatati mas-CTP u t-test tal-emendi għall-Artikolu 402 tad-Direttiva tal-VAT ser jeħtieġu aktar diskussjoni, fil-kuntest ta' proposti leġislattivi oħra fil-qasam tal-VAT (proposti dwar id-dettalji tekniċi tas-sistema definittiva tal-VAT / rati tal-VAT)[29].

39. Bħala **t-tieni parti tal-ewwel pass leġislattiv**, f'Mejju 2018, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta leġislattiva dwar miżuri tekniċi dettalji għall-operat tas-sistema definittiva tal-VAT (minn hawn 'il quddiem "il-proposta tal-Kummissjoni"). Din il-proposta ġiet ippreżentata mill-Kummissjoni f'aktar dettall f'waħda mil-laqgħat tal-WPTQ waqt it-terminu tal-Presidenza Bulgara.

[28] Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tal-armonizzazzjoni u s-simplifikazzjoni ta' ċerti regoli tas-sistema tat-taxxa fuq il-valur miżjud u li tintroduċi s-sistema definittiva għat-tassazzjoni tal-kummerċ bejn l-Istati Membri (dok. 12882/17); Proposta għal Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 282/2011 fir-rigward ta' ċerti eżenzjonijiet għat-tranżazzjonijiet intra-Komunitarji (dok. 12881/17); Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 904/2010 fir-rigward ta' persuna taxxabbli ċertifikata (dok. 12880/17) (li aktar tard ġie emendat minn proposta leġislattiva li tinsab fid-dok. 14893/17, billi tinkorpora d-dispożizzjonijiet dwar "persuna taxxabbli ċertifikata" f'dik il-proposta l-ġdida biex jiġi emendat ir-Regolament Nru 904/2010).

[29] Proposta għal Direttiva li temenda d-Direttiva 2006/112/KE rigward ir-rati tat-taxxa fuq il-valur miżjud.

40. Il-proposta tal-Kummissjoni dwar is-sistema definittiva tal-VAT hija mogħtija prijorità għolja mill-Istati Membri u dan id-dossier jeħtieġ analiżi teknika bir-reqqa qabel ma jsiru l-għażliet politiċi finali li jippermettu t-tfassil ta' test ta' kompromess abbażi ta' proposta tal-Kummissjoni, li jwassal għal qbil bejn l-Istati Membri kollha dwar id-dettalji tas-sistema definittiva tal-VAT.

41. L-Istati Membri japprezzaw l-inizjattiva meħuda mill-Kummissjoni biex tintlaħaq sistema definittiva tal-VAT.

42. Il-funzjonament tas-sistema definittiva tal-VAT futura, flimkien ma kwalunkwe miżura ta' akkumpanjament li jista' jintlaħaq qbil dwarha, kif adegwat, ser jiddependi ħafna mill-ispeċifiċitajiet tat-tfassil tagħha. Għaldaqstant l-għan ewlieni tad-diskussjonijiet taħt il-Presidenza Awstrijaka kien li jiġu identifikati u evalwati l-komponenti ewlenin tat-tfassil tal-proposta tal-Kummissjoni flimkien mal-effetti tagħhom u li jiġi esplorat jekk l-aġġustamenti jew iż-żidiet, proporzjonati mal-għan tagħhom, humiex ikkunsidrati meħtieġa u adegwati mill-Istati Membri.

43. Minflok analiżi ta' "Artikolu b'Artikolu" tal-proposta, li ma kinitx ser tiġġenera ħafna progress f'dan id-dossier minħabba l-iskala, in-natura kumplessa u s-sensittività tal-proposta, id-diskussjonijiet matul it-terminu tal-Presidenza Awstrijaka ffukaw fuq sitt komponenti ewlenin[30]:

   i) it-tassazzjoni fl-Istat Membru tad-destinazzjoni;

   ii) il-bidla tar-regoli għal provvisti transfruntieri ta' merkanzija B2B fl-UE biex ikun hemm transazzjoni B2B unika (provvista intra-Komunitarja ta' merkanzija fl-Istat Membru tad-destinazzjoni) minflok iż-żewġ transazzjonijiet attwali (eżentata l-provvista intra-Komunitarja ta' merkanzija fl-Istat Membru minn fejn jibda d-dispaċċ jew it-trasport u l-akkwist intra-Komunitarju fl-Istat Membru tad-destinazzjoni);

[30]Dok. 15082/18, il-punti 57 sa 88.

iii) it-tfassil u l-funzjonament tad-dispożizzjonijiet relatati mal-kunċett tas-CTP u ċ-ċertifikazzjoni tiegħu;

iv) ir-regoli għall-provvisti ta' merkanzija lis-CTPs;

v) ir-regoli għal provvisti ta' merkanzija lil dawk li mhumiex CTPs inkluż il-miżuri ta' akkumpanjament; u

vi) estensjoni tal-Punt ta' Kuntatt Waħdieni ("OSS").

**Sitwazzjoni attwali**

44. Matul il-mandat tal-Presidenza Rumena, id-diskussjoni dwar dan il-fajl kopriet il-possibbiltà li jimxu 'l quddiem miżuri ta' akkumpanjament bħal "ħlas maqsum". B'mod ġenerali, bosta Stati Membri kellhom fehmiet pożittivi rigward l-analiżi ulterjuri ta' din il-miżura, inkluż l-impatt fuq il-likwidità tan-negozji u ż-żieda fil-piż amministrattiv.

**It-triq 'il quddiem**

45. Kif diġà indikat mill-Kunsill[31], huwa importanti li wieħed jinnota li l-aħjar triq 'il quddiem hija li tkompli tingħata attenzjoni lill-elementi ewlenin tal-proposta tal-Kummissjoni u l-analiżi tal-għażliet ta' miżuri ta' akkumpanjament.

46. L-Istati Membri jaqblu li l-pass li jmiss jista' jkun li jiġu esplorati aktar miżuri ta' akkumpanjament, b'kont meħud ukoll, fejn xieraq, tal-applikazzjoni usa' possibbli ta' teknoloġiji ġodda. Għalissa, bil-ħsieb li jintlaħaq qbil dwar sistema tal-VAT li tkun aħjar minn dik temporanja, jidher xieraq li jiġu kkunsidrati għadd ta' għażliet. Dawn jistgħu jinkludu, pereżempju, l-għażliet diġà diskussi fil-livell tad-WPTQ: il-bidla proposta lejn "obbligazzjoni tal-fornitur" għal provvisti transfruntieri ta' merkanzija B2B fi ħdan il-Komunità flimkien ma' obbligi ta' rapportar u/jew restrizzjoni tad-dritt ta' tnaqqis tal-VAT fuq ix-xiri u/jew obbligazzjoni in solidum tal-klijent flimkien ma' "pagament maqsum".

[31] Dok. 15082/18, il-punti 89 sa 91.

47. L-Istati Membri jaqblu wkoll li d-diskussjoni dwar is-sistema definittiva tal-VAT għandha tibqa' waħda mill-prijoritajiet fil-qasam tal-VAT. Madankollu, dan id-dibattitu ma għandux jipprevjeni jew inaqqas l-isforzi biex titjieb, kif xieraq, is-sistema tal-VAT attwali, li ser tibqa' fis-seħħ sakemm jintlaħaq qbil dwar reġim definittiv.

*b) Riforma tar-rati tal-VAT*

48. Fit-18 ta' Jannar 2018, il-Kummissjoni ħarġet proposta għal Direttiva li temenda d-Direttiva 2006/112/KE rigward ir-rati tat-taxxa fuq il-valur miżjud.[32] L-objettiv ta' din il-proposta leġislattiva huwa li tintroduċi r-regoli dwar l-iffissar tar-rati tal-VAT fl-UE kollha, b'effett mid-dħul fis-seħħ tal-arranġamenti definittivi għat-tassazzjoni tal-kummerċ bejn l-Istati Membri.

49. Fil-qosor, u l-aktar essenzjali, ma' din il-proposta leġislattiva, il-Kummissjoni tipproponi li:

i) temenda r-regoli tal-UE dwar l-istabbiliment ta' rati mnaqqsa tal-VAT (eż. jiġu aboliti d-dispożizzjonijiet transizzjonali attwali li jippermettu li jkun hemm deroga temporanja mir-regoli ġenerali; tirrevedi l-Artikolu 98 tad-Direttiva tal-VAT eċċ.);

ii) tagħti lill-Istati Membri aktar libertà biex jistabbilixxu r-rati tagħhom (madankollu, l-Istati Membri jkollhom jiżguraw li rata tal-VAT medja peżata tagħhom taqbeż it-12 % fi kwalunkwe ħin);

iii) tintroduċi "lista negattiva" ta' merkanzija u servizzi li għalihom l-applikazzjoni tar-rati mnaqqsa mhix permissibbli (minflok il-lista "pożittiva" attwali).

50. L-eżami tekniku ta' dan il-fajl beda matul it-terminu tal-Presidenza Bulgara. Il-Presidenza Rumena għamlet eżami tekniku ulterjuri tal-proposta tal-Kummissjoni.

[32] Dok. 5335/18.

51. Ta' min jinnota li xi Stati Membri jaraw il-ħtieġa li l-proposta għal riforma tar-rati tal-VAT għandha tiġi diskussa wkoll fil-kuntest tal-proposta leġislattiva għal sistema Definittiva tal-VAT, peress li ż-żewġ testi legali, ladarba jkun intlaħaq qbil dwarhom, huma parti minn sistema koerenti tal-VAT.

52. Matul id-diskussjonijiet tekniċi, ġiet enfasizzata l-ħtieġa għall-iżvilupp ta' portal tal-internet li jkun fih ir-rati mnaqqsa ta' VAT kollha madwar l-UE kollha, sabiex jiġi ffaċilitat il-kummerċ bejn l-Istati Membri. Diversi Stati Membri jappoġġaw "lista pożittiva" minflok "lista negattiva" kif inhi pprovduta fil-proposta għal Direttiva attwali. Ġie spjegat ukoll li l-prodotti jistgħu jiġu identifikati permezz tal-kodiċi NM u s-servizzi bil-kodiċi CPA, kemm fuq il-lista kif ukoll permezz tal-portal tal-bażi ta' data tat-"Taxxi fl-Ewropa" (TEDB).

*c)* *<u>Pakkett ta' implimentazzjoni dwar il-VAT għall-kummerċ elettroniku</u>*

53. Fil-11 ta' Diċembru 2018, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill iż-żewġ proposti leġislattivi li ġejjin:

a) proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 fir-rigward tad-dispożizzjonijiet relatati ma' bejgħ b'distanza ta' merkanzija u ċerti provvisti domestiċi ta' merkanzija[33]; u

b) proposta għal Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 282/2011 fir-rigward ta' provvisti ta' merkanzija jew servizzi ffaċilitati permezz ta' interfaċċi elettroniċi u l-iskemi speċjali għal persuni taxxabbli li jipprovdu servizzi lil persuni mhux taxxabbli, li jbigħu b'distanza merkanzija u xi provvisti domestiċi ta' merkanzija.[34]

---

[33] Dok. 15471/18.
[34] Dok. 15472/18.

54. L-għan ta' dawn iż-żewġ proposti huwa li jiġu stabbiliti r-regoli dettaljati meħtieġa biex jiġi żgurat il-funzjonament tar-regoli l-ġodda tal-VAT għall-kummerċ elettroniku wara l-emendi introdotti bid-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2017/2455 (id-"Direttiva dwar il-VAT għall-kummerċ elettroniku")[35], li ser tidħol fis-seħħ f'Jannar 2021.

55. Fit-12 ta' Marzu 2019, il-Kunsill (Ecofin) laħaq approċċ ġenerali dwar id-Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 fir-rigward tad-dispożizzjonijiet relatati ma' bejgħ b'distanza ta' merkanzija u ċerti provvisti domestiċi ta' merkanzija u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 282/2011 fir-rigward ta' provvisti ta' merkanzija jew servizzi ffaċilitati permezz ta' interfaċċi elettroniċi u l-iskemi speċjali għal persuni taxxabbli li jipprovdu servizzi lil persuni mhux taxxabbli, li jbigħu oġġetti b'distanza u jipprovdu b'distanza xi provvisti domestiċi ta' merkanzija[36].

56. Il-Kunsill ser jadotta dawn iż-żewġ atti leġislattivi fil-laqgħa tiegħu li jmiss, dment li jirċievi l-opinjoni tal-Parlament Ewropew u r-reviżjoni mill-ġuristi lingwisti.

*d)* *<u>It-trażmissjoni u l-iskambju obbligatorji tal-informazzjoni dwar il-pagamenti rilevanti għall-VAT</u>*

57. F'Diċembru 2018, il-Kummissjoni ressqet pakkett leġislattiv li jikkonsisti minn żewġ proposti:

i) Direttiva li temenda d-Direttiva 2006/112/KE rigward l-introduzzjoni ta' ċerti rekwiżiti għall-fornituri tas-servizzi ta' pagament;[37]

ii) Regolament li jemenda r-Regolament (UE) Nru 904/2010 dwar miżuri biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni amministrattiva għall-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT.[38]

[35] ĠU L 348, 29.12.2017, p. 7.
[36] Dok. 7245/19.
[37] Dok. 15508/18.
[38] Dok. 15509/18.

58. Dawn iż-żewġ proposti leġislattivi huma maħsuba biex jiffaċilitaw l-identifikazzjoni tal-frodi tat-taxxa mill-awtoritajiet tal-Istati Membri u biex jikkomplementaw il-qafas regolatorju attwali tal-VAT kif modifikat reċentement bid-Direttiva dwar il-VAT għall-kummerċ elettroniku. L-objettiv tal-proposti hu li jiġu stabbiliti regoli tal-UE li jippermettu lill-Istati Membri jiġbru b'mod armonizzat ir-rekords magħmula elettronikament disponibbli mill-fornituri tas-servizzi ta' pagament, tiġi stabbilita sistema elettronika ċentrali ġdida għall-ħżin ta' informazzjoni dwar pagamenti u għall-ipproċessar ulterjuri ta' din l-informazzjoni minn uffiċjali ta' kontra l-frodi fl-Istati Membri fi ħdan il-qafas tal-Eurofisc (l-Eurofisc huwa n-netwerk għall-iskambju multilaterali ta' sinjali ta' twissija bikrija għall-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT, stabbilit b'segwitu għall-Kapitolu X tar-Regolament (UE) Nru 904/2010).

59. Matul it-terminu tal-Presidenza Rumena, dan id-dossier ġie diskuss fi tmien laqgħat tad-WPTQ u tal-Attachés Fiskali, fejn l-Istati Membri ħadu nota ta' progress tajjeb ħafna miksub fl-analiżi teknika tal-proposta tal-Kummissjoni, bil-ħsieb li jintlaħaq qbil dwar test ta' kompromess.

60. Skambju ta' fehmiet fil-livell tad-WPTQ wera li ser tkun meħtieġa aktar ħidma fil-Kunsill u l-korpi preparatorji tiegħu qabel ma jkun jista' jintlaħaq qbil finali bejn l-Istati Membri fuq dan id-dossier.

*e)* *<u>Simplifikazzjoni tar-regoli tal-VAT għall-impriżi ż-żgħar</u>*

61. F'Jannar 2018, il-Kummissjoni ressqet il-proposta leġislattiva għal Direttiva li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud rigward l-iskema speċjali għall-impriżi ż-żgħar[39].

62. Fil-fehma tal-Kummissjoni, ir-reviżjoni tar-regoli applikabbli għall-SMEs kienet iddettata minn dawn it-tliet raġunijiet ewlenin:

[39] Dok. 5334/18.

i) minkejja l-fatt li l-Istati Membri jistgħu jeżentaw lill-SMEs mill-VAT - għażla li tintuża ħafna - l-SMEs xorta għadhom qed ibatu minn spejjeż ta' konformità tal-VAT sproporzjonati minħabba l-mod kif inhi mfassla l-eżenzjoni tal-SMEs;

ii) is-sistema attwali għandha effetti distorsivi fuq il-kompetizzjoni kemm fis-suq domestiku kif ukoll f'dak tal-UE;

iii) ir-rieżami jagħti l-opportunità li titħeġġeġ il-konformità volontarja u b'hekk tgħin biex jitnaqqas it-telf fid-dħul minħabba n-nonkonformità u l-frodi tal-VAT.

63. Il-proposta tal-Kummissjoni tikkonsisti minn:

i) reviżjoni tar-regoli dwar l-eżenzjoni mill-VAT għall-intrapriżi ż-żgħar u

ii) simplifikazzjoni tal-obbligi tal-VAT kemm għall-intrapriżi ż-żgħar eżentati kif ukoll għal dawk li mhumiex.

64. Eżami tekniku ta' dan il-fajl beda matul il-Presidenza Bulgara u kompla taħt il-Presidenzi Awstrijaka u dik Rumena.

65. Matul in-negozjati dwar dan id-dossier irriżulta b'mod evidenti li "bilanċ tajjeb ikollu jintlaħaq billi tiġi pprovduta simplifikazzjoni ġusta u proporzjonata tal-obbligi tal-VAT għal intrapriżi żgħar, filwaqt li jiġi żgurat li jkunu stabbiliti miżuri xierqa ta' kooperazzjoni amministrattiva (inkluż soluzzjonijiet tal-IT) bejn l-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istati Membri, sabiex l-iskema modifikata għall-intrapriżi ż-żgħar tkun applikata b'mod korrett, u ma twassalx għal kontroll imdgħajjef tat-taxxa u żieda fir-riskji ta' frodi/evażjoni tal-VAT."[40] Minħabba f'dan l-objettiv, tqiesu neċessarji wkoll emendi għar-Regolament (UE) Nru 904/2020 dwar kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tal-VAT.

66. Matul it-terminu tal-Presidenza Rumena, dan id-dossier ġie diskuss f'ħames laqgħat tad-WPTQ u tal-Attachés Fiskali, kif ukoll fil-laqgħat tal-HLWP tas-7 ta' Mejju u l-4 ta' Ġunju 2019, fejn l-Istati Membri ħadu nota tal-progress tajjeb miksub.

[40] Ara d-dokument 15082/18 (rapport tal-ECOFIN lill-Kunsill Ewropew dwar kwistjonijiet ta' taxxa taħt il-Presidenza AT), punt 99.

67. Skambju ta' fehmiet fil-livelli tad-WPTQ, l-HLWP u l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti wrew li ser tkun meħtieġa aktar ħidma fil-Kunsill u l-korpi preparatorji tiegħu qabel ma jkun jista' jintlaħaq qbil finali bejn l-Istati Membri fuq dan id-dossier.

*f)* *Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-UE u n-Norveġja - Ftehim dwar il-kooperazzjoni amministrattiva, il-ġlieda kontra l-frodi u l-irkupru tat-talbiet fil-qasam tal-VAT*

68. Fit-12 ta' Diċembru 2018, il-Kummissjoni bagħtet il-proposta[41] għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit f'konformità mal-Artikolu 41(1) tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar il-kooperazzjoni amministrattiva, il-ġlieda kontra l-frodi u l-irkupru tat-talbiet fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud[42].

69. It-test li rriżulta mid-diskussjonijiet bejn id-delegazzjonijiet, li wasslu għal qbil unanimu fil-livell tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa, tressaq għall-qbil u l-adozzjoni mill-Kunsill, li fit-12 ta' Marzu 2019 adotta d-Deċiżjoni (UE) 2019/425 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar il-kooperazzjoni amministrattiva, il-ġlieda kontra l-frodi u l-irkupru tat-talbiet fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud.[43]

70. Fil-Grupp ta' Ħidma tal-21 ta' Marzu 2019, il-Kummissjoni aġġornat d-delegazzjonijiet dwar l-istabbiliment tal-Kumitat Konġunt u dwar il-kontenuti tal-aġenda tal-ewwel laqgħa tiegħu.

*g)* *Arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa*

71. Il-proposti li jikkonċernaw dispożizzjonijiet komuni dwar id-dazji tas-sisa tressqu mill-Kummissjoni fil-25 ta' Mejju 2018.

---

[41] Dok. 15503/18.
[42] ĠU L 195, 1.8.2018, p. 3.
[43] ĠU L 74, 18.3.2019, p. 67.

72. L-ewwel nett, il-Kummissjoni pproponiet riformulazzjoni tad-Direttiva 2008/118/KE li tistipula l-arranġamenti ġenerali li japplikaw għall-prodotti kollha soġġetti għal dazji tas-sisa (alkoħol, tabakk u prodotti tal-enerġija u l-elettriku). Id-Direttiva riformulata proposta[44] fiha titjib kif issuġġerit fir-rapport lill-Kunsill u l-Parlament Ewropew u fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni u l-evalwazzjonijiet tad-Direttiva 2008/118/KE. Fl-istess ħin, tallinja d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2008/118/KE mal-evoluzzjoni doganali u leġislazzjoni rilevanti oħra u ma' rekwiżiti proċedurali li jirriżultaw mit-Trattat ta' Lisbona. Il-modifiki previsti huma marbuta, fost l-oħrajn, mal-interazzjoni tas-sisa u tad-dwana u l-movimenti intra-UE ta' merkanzija bis-sisa diġà rilaxxata għall-konsum. Il-proposta tinkludi miżuri biex jitneħħew l-ostakli għall-SMEs. Dan ser jippermetti lill-SMEs biex jużaw sistemi moderni tal-IT minflok sistema skaduta bbażata fuq il-karti u tneħħi l-obbligu eżistenti tagħhom fuq il-bejjiegħa mill-bogħod li jimpjegaw rappreżentanti tat-taxxa. L-Istati Membri bħalissa jistgħu jinsistu li l-bejjiegħa mill-bogħod ta' merkanzija soġġetta għas-sisa jimpjegaw rappreżentanti tat-taxxa, li jista' jrendi l-kummerċ leġittimu finanzjarjament mhux vijabbli.

73. It-tieni, il-Kummissjoni ressqet proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kompjuterizzazzjoni tal-moviment u tas-sorveljanza ta' oġġetti soġġetti għas-sisa (riformulazzjoni).[45] Din il-proposta takkumpanja l-proposta għal Direttiva tal-Kunsill li tistabbilixxi l-arranġament ġenerali għad-dazju tas-sisa msemmija hawn fuq u li għandha l-għan li tintegra fis-sistema kompjuterizzata attwali l-awtomatizzazzjoni tal-proċedura għal movimenti ta' merkanzija soġġetta għas-sisa li tkun ġiet rilaxxata għall-konsum fit-territorju ta' Stati Membru u li titmexxa lejn it-territorju ta' Stat Membru ieħor sabiex tiġi konsenjata għal skopijiet kummerċjali f'dak l-Istat Membru l-ieħor.

74. It-tielet, il-Kummissjoni ppreżentat ukoll proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 389/2012 dwar kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tad-dazji tas-sisa fir-rigward tal-kontenut ta' reġistru elettroniku.[46] Din il-proposta takkumpanja wkoll il-proposta msemmija għal Direttiva li tistabbilixxi l-arranġamenti għad-dazju tas-sisa.

---

[44] Dok. 9571/18 + ADD 1, ADD 2, ADD 3.
[45] Dok. 9567/18 + ADD 1.
[46] Dok. 9568/18.

75. Il-Presidenza lestiet eżami tekniku ta' dawn it-tliet proposti li kien beda taħt il-Presidenza Bulgara. Fi Frar 2019, il-Kunsill laħaq qbil mal-Parlament Ewropew dwar id-Deċiżjoni dwar il-kompjuterizzazzjoni tal-moviment u tas-sorveljanza ta' oġġetti soġġetti għas-sisa. Il-Parlament Ewropew ivvota dwar il-proposta fl-4 ta' April 2019. Il-Kunsill ser jadotta dan l-att leġislattiv ladarba n-negozjati fil-Kunsill dwar l-ewwel żewġ proposti ta' dan il-pakkett leġislattiv ikunu tlestew.

76. It-testi ta' kompromess tal-abbozz tar-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa u r-Regolament dwar il-kooperazzjoni amministrattiva tal-kontenut ta' reġistri elettroniċi ġew diskussi fil-laqgħa tal-ECOFIN tas-17 ta' Mejju 2019[47]. F'dik il-laqgħa, il-Kunsill ECOFIN ma kienx f'pożizzjoni li jilħaq b'mod unanimu qbil politiku dwar dawn iż-żewġ proposti leġislattivi.

*h)* *<u>L-istrutturi tad-dazji tas-sisa fuq l-alkoħol u x-xorb alkoħoliku</u>*

77. Fil-25 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni ressqet ukoll proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 92/83/KEE dwar l-armonizzazzjoni tal-istrutturi tat-taxxi tas-sisa fuq l-alkoħol u x-xorb alkoħoliku[48], sabiex ir-regoli għad-dazju tas-sisa fuq l-alkoħol fl-UE jingħataw sura ġdida, u b'hekk titwitta t-triq għal ambjent tan-negozju aħjar u spejjeż imnaqqsa għal negozji żgħar li jipproduċu l-alkoħol.

78. Bi tweġiba għall-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-6 ta' Diċembru 2016[49], fil-25 ta' Mejju 2018 il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 92/83/KEE dwar l-armonizzazzjoni tal-istrutturi tat-taxxi tas-sisa fuq l-alkoħol u x-xorb alkoħoliku[50].

---

[47] Dok. 9347/19 + ADD 1.
[48] Dok. 9570/18 + ADD 1, ADD 2.
[49] Dok. 15009/16.
[50] Dok. 9570/18 + ADD 1, ADD 2.

79. L-għan ta' din il-proposta huwa li taġġorna r-regoli li jirregolaw it-taxxa tas-sisa fuq l-alkoħol fl-UE, u twitti t-triq għal ambjent tan-negozju aħjar u kostijiet imnaqqsa għan-negozji żgħar li jipproduċu l-alkoħol. B'mod partikolari, din il-proposta leġislattiva għandha l-għan li:

i) tqiegħed fis-seħħ ta' sistema ta' ċertifikazzjoni uniformi fl-UE biex tikkonferma l-istatus ta' produtturi żgħar indipendenti madwar l-Unjoni, li jkunu rikonoxxuti fil-pajjiżi kollha tal-UE;

ii) l-estensjoni tas-sistema speċjali tal-produtturi żgħar għall-produtturi tas-sidru madwar l-UE sabiex ikollhom aċċess għar-rati mnaqqsa kif attwalment igawdu minnhom il-produtturi żgħar tal-birra u tal-ethyl;

iii) tiċċara l-kondizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-eżenzjoni għall-alkoħol denaturalizzat fl-UE;

iv) iżżid il-livell limitu għall-birra bi grad aktar baxx li tista' tibbenefika minn rati mnaqqsa minn volum ta' 2.8 % sa volum ta' 3.5 %, sabiex ikun hemm inċentiv għall-birriera biex ikunu innovattivi u joħolqu prodotti ġodda. Dan għandu jħeġġeġ lill-konsumaturi biex jagħżlu x-xorb alkoħoliku bi grad baxx minflok dak standard, b'hekk tonqos l-inġestjoni tal-alkoħol.

80. Id-diskussjonijiet dwar din il-proposta leġislattiva bdew fit-termini tal-Presidenza Bulgara u dik Awstrijaka. Il-Presidenza Rumena kompliet l-eżami tekniku tal-proposta tal-Kummissjoni, kif ukoll in-negozjati dwar il-kompromess possibbli.

81. Matul in-negozjati, irriżulta b'mod evidenti li biex jintlaħaq kompromess li jista' jkun aċċettabbli għad-delegazzjonijiet kollha jrid jittieħed kont ta' għadd ta' konsiderazzjonijiet differenti, bħal pereżempju kwistjonijiet ta' saħħa u ġbir effiċjenti tas-sisa għall-alkolħol.[51]

[51] Dok. 9347/19, il-punt 5.

82. Fil-laqgħa tal-ECOFIN tat-12 ta' Marzu 2019[52] seħħ dibattitu kostruttiv, madankollu ma setax jintlaħaq qbil dwar test ta' kompromess. Il-Presidenza kompliet taħdem fuq dan id-dossier bil-għan li tindirizza l-preokkupazzjonijiet li kien għad fadal li tqajmu mill-Ministri.

83. It-test ta' kompromess aġġornat tal-abbozz ta' Direttiva ġie diskuss fil-laqgħa tal-ECOFIN tas-17 ta' Mejju 2019[53]. Madankollu, ma setax jintlaħaq qbil unanimu f'dik il-laqgħa, peress li kienet meħtieġa aktar ħidma, b'mod partikolari fuq it-test tal-abbozz tal-Artikolu 22(8) tad-Direttiva 92/83/KEE li jikkonċerna l-eżenzjoni mid-dazju tas-sisa jew rati mnaqqsa tas-sisa għal spirti tal-frott distillati fid-djar.

*i)* *Campione d'Italia u l-ilmijiet Taljani tal-Lag ta' Lugano*

84. Fit-8 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2006/112/KE u 2008/118/KE dwar l-inklużjoni tal-muniċipalità Taljana ta' Campione d'Italia u l-ilmijiet Taljani tal-Lag ta' Lugano fit-territorju doganali tal-Unjoni u fl-applikazzjoni territorjali tad-Direttiva 2008/118/KE.

85. L-Italja talbet biex il-muniċipalità Taljana ta' Campione d'Italia u l-ilmijiet Taljani tal-Lag ta' Lugano jkunu inklużi fit-territorju doganali tal-UE u fit-territorju tal-Unjoni li għalihom tapplika d-Direttiva 2008/118/KE dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa[54] (id-"Direttiva dwar id-dazju tas-sisa"). Il-pożizzjoni ġeografika taż-żewġ territorji bħala enklavi Taljani fit-territorju tal-Iżvizzera iġġustifikat mil-lat storiku l-esklużjoni tagħhom mit-territorju doganali tal-UE, iżda l-Italja tqis li din l-esklużjoni ma għadhiex meħtieġa.

[52] Dok. 6942/19.
[53] Dok. 9347/19 + ADD 1.
[54] Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa u li tħassar id-Direttiva 92/12/KEE (ĠU L 9, 14.1.2009, p. 12).

86. Din il-proposta hija assoċjata wkoll mal-VAT minħabba li l-Italja tqis li l-inklużjoni tal-muniċipalità ta' Campione d'Italia u tal-ilmijiet Taljani tal-Lag ta' Lugano fit-territorju doganali tal-UE u fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar id-dazju tas-sisa hija kompatibbli maż-żamma tal-applikazzjoni ta' sistema ta' taxxa speċjali fuq il-valur miżjud, u b'mod partikolari, mal-fatt li dawn it-territorji jibqgħu jiġu esklużi mill-applikazzjoni territorjali tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud. Għalhekk l-inklużjoni ta' dawn it-territorji fit-territorju doganali tal-UE teħtieġ biss bidla formali tad-Direttiva tal-VAT, jiġifieri jiġu trasferiti mill-Artikolu 6(2) (territorji li ma jiffurmawx parti mit-territorju doganali tal-UE li huma esklużi mill-applikazzjoni territorjali tad-Direttiva tal-VAT) għall-Artikolu 6(1) (territorji li jiffurmaw parti mit-territorju doganali tal-UE li huma esklużi mill-applikazzjoni territorjali tad-Direttiva tal-VAT).

87. Fil-laqgħa tad-WPTQ tat-28 ta' Novembru 2018, l-Istati Membri kollha setgħu jaqblu dwar is-sustanza ta' din il-proposta leġislattiva u li d-data tal-bidu tal-applikazzjoni tkun l-1 ta' Jannar 2020.

88. Fit-18 ta' Frar 2019 il-Kunsill adotta d-Direttiva (UE) 2019/475 li temenda d-Direttivi 2006/112/KE u 2008/118/KE rigward l-inklużjoni tal-muniċipalità Taljana ta' Campione d'Italia u l-ilmijiet Taljani tal-Lag ta' Lugano fit-territorju doganali tal-Unjoni u fl-applikazzjoni territorjali tad-Direttiva 2008/118/KE.[55]

*j)* *Emenda tar-regoli tal-UE dwar il-VAT u d-dazji tas-sisa fir-rigward tal-isforz tal-UE għad-difiża*

89. Fl-24 ta' April 2019 il-Kummissjoni ressqet il-proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' VAT u d-Direttiva 2008/118/KE dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa fir-rigward ta' sforz ta' difiża fi ħdan il-qafas tal-Unjoni.[56]

---

[55] ĠU L 83, 25.3.2019, p. 42.
[56] Dok. 8940/19.

90. L-għan ta' din il-proposta leġislattiva hu l-allinjament tat-trattament tal-VAT fl-isforz tad-difiża fil-qafas tal-UE u n-NATO, l-arranġamenti għall-eżenzjonijiet mid-dazji tas-sisa għandhom jiġu allinjati bl-istess mod. Il-proposta ssegwi żviluppi reċenti fil-qafas tal-Politika ta' Sigurtà u Difiża Komuni (PSDK).

91. Din il-proposta leġislattiva ġiet ippreżentata mill-Kummissjoni fid-WPTQ fis-16 ta' Mejju 2019, fejn l-Istati Membri indikaw ukoll, soġġett għal aktar skrutinju, il-fehmiet inizjali tagħhom dwar it-test, li ġeneralment jappoġġaw l-għan ta' din il-proposta leġislattiva. L-eżami tal-proposta tal-Kummissjoni jinsab għaddej.

## B. <u>Kwistjonijiet oħra relatati mal-leġislazzjoni dwar it-taxxa</u>

### a) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-transizzjoni mill-votazzjoni b'unanimità fil-politika dwar it-taxxa tal-UE

92. Fil-15 ta' Jannar 2019, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni "Lejn teħid ta' deċiżjonijiet aktar effiċjenti u demokratiku fil-qasam tal-politika tat-tassazzjoni tal-UE"[57], li tħeġġeġ transizzjoni gradwali minn proċedura leġislattiva speċjali[58] għal proċedura leġislattiva ordinarja (OLP) u vot b'maġġoranza kwalifikata (VMK)[59] li għandha tiġi applikata sal-2025 fir-rigward tal-politika dwar it-taxxa tal-UE. Il-Kummissjoni tissuġġerixxi li l-Kunsill Ewropew jiddeċiedi dwar pjan direzzjonali propost mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni.

93. F'din il-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni tissuġġerixxi li l-Kunsill Ewropew jipprevedi l-klawsola "passerelle" stipulata fl-Artikolu 48(7) TUE. F'konformità ma' dak l-Artikolu, il-Kunsill Ewropew biss jista' b'mod unanimu jadotta deċiżjoni biex ibiddel ir-regola ta' vot unanimu għal VMK/OLP, jekk l-ebda parlament nazzjonali ma joġġezzjona fi żmien 6 xhur min-notifika preċedenti u jekk il-Parlament Ewropew jagħti l-kunsens tiegħu.

---

[57] Dok. 5472/19.
[58] Vot b'unanimità fil-Kunsill, PE kkonsultat.
[59] Proċedura leġislattiva ordinarja (il-PE u l-Kunsill jaġixxu bħala koleġislaturi) / votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata fil-Kunsill.

94. Din il-Komunikazzjoni hija parti minn serje ta' Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni, li jissuġġerixxu transizzjoni simili mill-votazzjoni b'unanimità fl-oqsma tal-politika estera u ta' sigurtà komuni (12 ta' Settembru 2018), il-politika dwar l-enerġija u l-ambjent (ta' min jinnota, din il-komunikazzjoni kienet tkopri wkoll kwistjonijiet ta' tassazzjoni relatati mal-enerġija u l-ambjent) (9 ta' April 2019) kif ukoll il-politika tal-affarijiet soċjali (16 ta' April 2019).

95. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe skambju li l-Kunsill Ewropew jista' jkollu dwar dawn il-kwistjonijiet, inkluż dwar kwalunkwe deċiżjoni li l-Kunsill Ewropew jista' jieħu dwar passi preparatorji għal aktar dibattitu, il-Komunikazzjoni tal-15 ta' Jannar 2019 ġiet diskussa fil-laqgħa tal-HLWP fil-31 ta' Jannar, fil-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti II) fis-6 ta' Frar u fl-ECOFIN fit-12 ta' Frar 2019.

96. Ħafna delegazzjonijiet indikaw li l-fehmiet tagħhom kienu preliminari, u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni hija soġġetta għal aktar skrutinju, kif ukoll mill-parlamenti nazzjonali.

97. Xi delegazzjonijiet esprimew l-appoġġ ġenerali tagħhom għall-punti prinċipali stabbiliti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni.

98. Madankollu, għadd kbir ta' delegazzjonijiet jagħtu importanza kbira lir-regola tal-unanimità fil-qasam tat-tassazzjoni u jqisu li mhux xieraq li jinbidlu r-regoli attwali tal-votazzjoni fir-rigward tal-politika dwar it-taxxa tal-UE. Ħafna delegazzjonijiet semmew ukoll il-ftehimiet ta' malajr li wasslu għall-adozzjoni ta' għadd konsiderevoli ta' proposti leġislattivi fil-qasam tal-politika dwar it-taxxa tal-UE f'dawn l-aħħar snin. L-importanza tat-tassazzjoni għas-sovranità tal-Istati Membri u r-rwoli ċentrali tal-parlamenti nazzjonali ġiet issottolinjata f'okkażjonijiet ripetuti.

99. Xi delegazzjonijiet appoġġaw l-idea li d-dibattitu dwar it-teħid ta' deċiżjonijiet fil-qasam tat-tassazzjoni għandu jkompli, u indikaw ir-rieda tagħhom li jesploraw aktar, jekk hemm il-possibbiltà biex jiġu definiti b'mod tekniku, b'livell suffiċjenti ta' ċarezza legali, l-oqsma ta' politika dwar it-taxxa tal-UE fejn ir-regoli attwali tal-votazzjoni jistgħu jinbidlu, pereżempju fir-rigward ta' miżuri li jikkonċernaw il-kooperazzjoni amministrattiva jew il-ġlieda kontra l-evitar tat-taxxa.

**b) Fiscalis**

100. Fit-8 ta' Ġunju 2018 il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-programm "Fiscalis" għall-kooperazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni.[60] Il-proposta tistabbilixxi l-għanijiet, il-baġit, forom ta' finanzjament u r-regoli għall-perijodu 2021-2027 għall-programm Fiscalis għall-kooperazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni.

101. Il-proposta ġiet eżaminata fil-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa (Fiscalis). Fit-28 ta' Novembru 2018, il-Coreper qabel dwar approċċ ġenerali parzjali bil-ħsieb li jibdew negozjati mal-Parlament Ewropew fil-kuntest tal-proċedura leġislattiva ordinarja.[61]

102. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fis-17 ta' Ottubru 2018[62].

103. Fil-Parlament Ewropew, ir-rapport tal-Kumitat saret votazzjoni dwaru fil-Kumitat ECON fl-4 ta' Diċembru 2018 u ġie kkonfermat fil-plenarja f'Jannar 2019.

104. Saru żewġ trilogi fit-23 ta' Jannar u l-21 ta' Marzu 2019 u għadd ta' laqgħat tekniċi bejniethom.

105. L-eżitu tan-negozjati tressaq lill-Coreper bħala s-sitwazzjoni attwali fis-27 ta' Marzu 2019. It-test jinkludi d-dispożizzjonijiet f'parentesi li għadhom qed jiġu kkunsidrati u li x'aktarx jiffurmaw parti min-negozjati orizzontali dwar il-QFP.

106. Il-Parlament Ewropew ivvota dwar il-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fis-17 ta' April 2019. Fuq kwistjonijiet li l-koleġislaturi ma jaqblux dwarhom (eż. atti ta' implimentazzjoni u atti delegati, baġit), il-Parlament Ewropew ħa l-pożizzjoni tiegħu stess għall-pożizzjoni tal-ewwel qari.

107. In-negozjati ser jissoktaw fit-tieni nofs tal-2019, ladarba l-kwistjonijiet orizzontali jkunu ġew solvuti bejn il-koleġislaturi.

---

[60] Dok. 9932/18.
[61] Dok. 14208/18 u dok. 14209/18.
[62] Dok. 14207/18.

## c) Is-sistema komuni ta' Taxxa fuq it-Transazzjonijiet Finanzjarji (TTF)

108. Il-proposta għal Direttiva dwar sistema komuni ta' taxxa fuq it-transazzjonijiet finanzjarji (TTF) intbagħtet mill-Kummissjoni lill-Kunsill fit-28 ta' Settembru 2011. Billi ma setax jintlaħaq qbil unanimu mill-Istati Membri kollha, abbażi tat-talba ta' ħdax-il Stat Membru, u f'konformità mal-awtorizzazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Jannar 2013[63], u l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew fit-12 ta' Diċembru 2012, fl-14 ta' Frar 2013 il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Direttiva tal-Kunsill li timplimenta kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tat-taxxa fuq it-transazzjonijiet finanzjarji.

109. F'dan l-istadju, għaxar Stati Membri jibqgħu jipparteċipaw fil-kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tat-TTF: l-Awstrija, il-Belġju, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Italja, il-Portugall, is-Slovakkja, is-Slovenja u Spanja (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Istati Membri parteċipanti").[64]

110. Wara l-ħidma preparatorja mid-WPTQ, u, fejn rilevanti, mill-HLWP, is-sitwazzjoni attwali ta' dan id-dossier ġiet diskussa fil-laqgħat tal-Kunsill ECOFIN li ġejjin:

– fis-6 ta' Mejju 2014[65], is-7 ta' Novembru 2014[66], id-9 ta' Diċembru 2014[67] u t-8 ta' Diċembru 2015[68];

– fis-17 ta' Ġunju 2016[69], fejn, bħala segwitu għad-dikjarazzjoni ta' għaxar Stati Membri parteċipanti li ddaħħlet fil-minuti tal-ECOFIN tat-8 ta' Diċembru 2015[70], il-Kunsill ħa nota tas-sitwazzjoni attwali ta' dan id-dossier b'rabta ma' għadd ta' kwistjonijiet speċifiċi (l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' "ħruġ" u "residenza" u l-kamp ta' applikazzjoni territorjali għat-TTF[71]; eżenzjoni mit-TTF għal attivitajiet ta' ġenerazzjoni tas-suq[72]; il-kamp ta' applikazzjoni tat-transazzjonijiet fil-kuntratti tad-derivattivi li għandhom ikunu soġġetti għat-TTF[73]);

[63] ĠU L 22, 25.1.2013, p. 11.
[64] Fis-16 ta' Marzu 2016, l-Estonja ma baqgħetx tieħu sehem fil-kooperazzjoni msaħħa dwar it-TTF. Ara d-dok. 7808/16.
[65] Dok. 9399/14 u dok. 9576/14.
[66] Dok. 14949/14.
[67] Dok. 16498/14 u dok. 16753/14, il-punti 36 sa 46.
[68] Dok. 14942/15.
[69] Dok. 9602/16.
[70] Dok. 15112/15 + ADD 1.
[71] Dok. 9602/16, il-punti 6 sa 8, u 14942/15, il-punti 7 sa 11.
[72] Dok. 9602/16, punt 9 sa 12, u 14942/15, punt 15 sa 17.
[73] Dok. 9602/16, punt 13 sa 15, u 14942/15, punt 18 sa 19.

– fis-6 ta' Diċembru 2016[74], fejn il-Kunsill ħa nota tad-diskussjoni li kienet qed issir dwar il-partijiet kostituttivi (l-"elementi kostitwenti")[75] tat-TTF u l-assemblaġġ ta' dawk l-"elementi kostitwenti" f'mudelli possibbli tat-TTF. Il-Kunsill ħa nota wkoll tad-diskussjonijiet dwar kwistjonijiet relatati mal-kosteffiċjenza ta' mudelli ta' ġbir possibbli tat-TTF.

111. Fil-laqgħa tal-HLWP tas-7 ta' Mejju 2019, l-Istati Membri parteċipanti indikaw li qed jiddiskutu dwar opzjoni ta' TTF bbażata fuq il-mudell Franċiż tat-taxxa u dwar il-mutwalizzazzjoni possibbli tad-dħul fost l-Istati Membri parteċipanti bħala kontribuzzjoni għall-baġit tal-UE. [L-ECOFIN fl-14 ta' Ġunju 2019 ġie infurmat dwar is-sitwazzjoni attwali ta' dan il-fajl.]

112. Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, kif diġà ġie indikat fir-rapport tal-ECOFIN ta' Diċembru 2016 lill-Kunsill Ewropew dwar kwistjonijiet ta' taxxa[76], ser tenħtieġ aktar ħidma fil-Kunsill u fil-korpi preparatorji tiegħu, qabel ma jkun jista' jintlaħaq qbil finali dwar dan id-dossier fost l-Istati Membri li jipparteċipaw fil-kooperazzjoni msaħħa, b'rispett għall-kompetenzi, id-drittijiet u l-obbligi tal-Istati Membri li ma jipparteċipawx fil-kooperazzjoni msaħħa dwar it-TTF.

## C. <u>Koordinazzjoni tal-Politika dwar it-Taxxa</u>

113. Ħidma importanti fil-qasam tal-koordinazzjoni tal-politika dwar it-taxxa (lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-leġislazzjoni tal-UE fil-qasam tat-taxxa) mxiet 'il quddiem, kif jidher hawn taħt.

### a) Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (tassazzjoni tal-intrapriżi)

114. Il-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (COCG) iltaqa' erba' darbiet taħt il-Presidenza Rumena, fit-30 ta' Jannar, is-27 ta' Frar, il-11 ta' April u l-20 ta' Mejju 2019, waqt li s-sottogruppi tiegħu, preseduti mill-Presidenza Rumena, iltaqgħu fit-18 ta' Jannar, il-25 ta' Jannar, is-27 ta' Marzu u s-6 ta' Mejju 2019.

---

74 Dok. 13608/16.
75 Dok. 14942/15, il-punt 3.
76 Dok. 15254/16, il-punt 45.

115. Fil-laqgħa tiegħu tat-30 ta' Jannar 2019, is-Sa Lyudmila Petkova, Direttur tad-Direttorat għall-Politika tat-Taxxa fil-Ministeru għall-Finanzi tal-Bulgarija, inħatret bi qbil komuni bħala President tas-COCG għal perijodu ta' sentejn. Il-perijodu beda fil-5 ta' Frar 2019, wara li l-mandat tal-President attwali kien intemm.

116. Il-Grupp kompla jaħdem fuq status quo u żmuntar ta' sistemi ta' taxxa preferenzjali dannużi ta' Stati Membri tal-UE, kif ukoll fuq il-lista tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa u l-monitoraġġ relatat tal-impenji meħuda mill-ġurisdizzjonijiet f'dan il-kuntest.

117. B'mod partikolari, il-Kunsill ECOFIN adotta reviżjoni tal-lista tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa fil-laqgħa tiegħu tat-12 ta' Marzu 2019[77], waqt li tliet ġurisdizzjonijiet tneħħew mil-lista fil-Kunsill ECOFIN sussegwenti fis-17 ta' Mejju 2019.

118. Barra minn hekk, is-COCG eżamina s-sitwazzjoni attwali fir-rigward tal-aġġornament/reviżjoni tal-mandat tal-Grupp ta' Diċembru 1997 fil-laqgħat tiegħu tal-20 ta' Mejju 2019 bil-għan li jipprovdi kontribut għal aktar diskussjonijiet fil-HLWP.

119. Aktar informazzjoni dettaljata dwar il-ħidma tal-Grupp tinstab fir-rapport tiegħu lill-Kunsill ECOFIN[78] u fil-konklużjonijiet tal-Kunsill li jakkumpanjawh.[79]

**b) Żviluppi internazzjonali**

120. L-HLWP ġie infurmat regolarment bl-iżviluppi internazzjonali rilevanti, b'mod partikolari fir-rigward tal-laqgħat tal-Qafas Inklużiv dwar il-BEPS u t-Task Force tal-OECD dwar l-Ekonomija Diġitali (TFDE).

[77] Dok. 7441/19.
[78] Dok. 9652/19 + ADD 1-10.
[79] Dok. 9653/19.

**c) Taxxa f'dossiers mhux relatati mat-taxxa**

121. Fid-19 ta' Novembru 2013, il-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli qabel li d-dispożizzjonijiet tat-taxxa fid-dossiers mhux relatati mat-taxxa li jwasslu għal kwalunkwe bidla fil-liġijiet tat-taxxa jew fil-prattiki amministrattivi tal-Istati Membri jew li jkollhom konsegwenzi oħrajn fuq it-tassazzjoni, għandhom jaqgħu taħt "mekkaniżmu ta' twissija informali". L-approċċ sistematiku li dawn il-każijiet jitpoġġew għall-attenzjoni tal-esperti tat-taxxa, bl-appoġġ tas-Segretarjat Ġenerali, ser ikompli jiżgura li l-Istati Membri jingħataw twissija f'waqtha, inkluż fir-rigward ta' negozjati ta' ftehimiet bejn l-UE u pajjiżi terzi.

122. Allerti reċenti jkopru b'mod partikolari:

a) il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Teħid tad-deċiżjonijiet aktar effiċjenti u aktar demokratiku fil-politika tal-UE dwar l-enerġija u l-klima";

b) Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Futur ta' Ewropa b'diġitalizzazzjoni għolja wara l-2020: "Tingħata spinta lill-kompetittività diġitali u ekonomika mal-Unjoni kollha u lill-koeżjoni diġitali"[80].

123. Fil-laqgħat tal-HLWP tas-7 ta' Mejju 2019 u tal-4 ta' Ġunju 2019 saret diskussjoni dwar ħarsa ġenerali aġġornata lejn id-dispożizzjonijiet dwar it-taxxa f'dossiers mhux relatati mat-taxxa.

**d) Prezzar ta' trasferiment**

124. Fil-laqgħa tal-HLWP tas-7 ta' Mejju 2019, id-delegazzjonijiet ġew infurmati dwar il-kisbiet tal-Forum Konġunt dwar il-Prezzijiet ta' Trasferiment (JTPF) matul il-mandat li ntemm fit-30 ta' Marzu 2019.

---

[80] Dok. 10102/19.